**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 723/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**-vs-**

***OMISSIS***
***u***
**DARREN DEBONO**
(I.D. 49474M)

**Illum, 11 ta' Dicembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **DARREN DEBONO** detentur tal-karta ta' l-identita' 49474M, u ***OMISSIS***, tressqu quddiemha akkuzati talli:-

Nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-14:00, ħin ta' Malta, kif ukoll fil-ħinjiet u fix-xhur ta' qabel, bħala kompliċi ta' xulxin assocjaw ruhhom f'Malta jew barra minn Malta, jew/u fl-ibħra tas-sajd kif imfissra fil-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll lil hinn minnhom u f'ibħra oħra, u f'Malta dwar imġieba illegali fir-rigward tal-bastiment Marie de Lourdes II bin-numru ta' reġistrazzjoni MFA7115 fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd miżmum mid-

Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u obbligi relatati miegħu u s-sajdiet tiegħu, sabiex jitwettaq delitt.

**Lil *Omissis* wahdu:**

*Omissis*

**Lil Darren Debono waħdu:**

1. Talli xjentement ghen jew assista lil *Omissis* sabiex nhar 1-Erbgha 11 ta' Gunju 2014 ghall-habta tas-14:00, hin ta' Malta, kif ukoll fil-hinjiet qabel naqas milli jinnotifika bid-dhul lura fil-port tal-bastiment tas-sajd imsemmi kif preskritt fil-Permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad -2014 taht il-kundizzjoni 6 tal-imsemmi permess u dan bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tar-restrizzjoni jew l-obbligu taht 1-Artikolu 80 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jwassal ghall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u Ii ghall-fini ta' pieni jikkostwixxi real ta' xorta gravi taht 1-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08; (“*Multa ta' hames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu inkisbu permezz tar-reat" taht ir-regolament 4(2) tal-L.S. 425.08 + multa minn minimu ta' €2,329.37 u massimu ta' €23,293.73 taht 1-artikolu 12(3) tal-Kap. 425*)

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament ghen jew assista lil *Omissis* sabiex qabad, zamm abbord u beda jew prova jhott l-art tonn minghajr awtorizzazzjoni valida u minghajr dokumentazzjoni preciza, kompleta u validata u dan f’ammonti li jeccedu l-massimu konsentit ghall-qabdiet incidentali, bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu taht l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 u possibbilment tal-artikoli tal-istess Regolament kif imsemmija fl-Artikolu 11 tieghu liema ksur iwassal ghall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S.

425.08 u li ghall-fini ta' pieni jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taht l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08; ("Multa ta' hames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu inkisbu permezz tar-reat" taht ir-regolament 4(2) tal-L.S. 425.08)

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament ghen jew assista lil *Omissis* sabiex qabad, zamm abbord, prova jhott l-art u prova jgorr, jahzen u/jew jbiegh jew joffri ghall-bejgh pixxispad taht id-daqs minimu bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu taht il-paragrafu 8 tar-Recommendation for Management Measures for Mediterranean Swordfish in the Framework of ICCAT enumerata 11-03 li jwassal ghall- ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li ghall-fini ta' piena jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taht l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08; ("Multa ta' hames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu inkisbu permezz tar-reat" taht ir-regolament 4(2) tal-L.S. 425.08);

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati Darren Debono u *Omissis*, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond 1-Artikolu 533 tal-Kap. 9, kif ukoll il-kost u l-ispejjez relattivi ghall-procedimenti skond l-artikolu 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li minnbarra il-piena skond il-ligi, tordna il-konfiska tal-corpus delicti, f'dan il-kaz il-bastiment Marie de Lourdes II bin-numru ta' registrazzjoni MFA7115 li serva jew li kien mahsub li jservi sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska favur il-Gvem ta' Malta tar-rikavat li gie mir-reat u dan ai terminu tal-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba ukoll li f'kaz ta' htija jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-artikolu 30, subartikolu 2 u tal-artikolu 35 fl-interita' tieghu tal-Kapitolu 425

tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-garanziji dovuti u taz-zamma jew il-konfiska tal-bastiment tas-sajd, kif ukoll dawk id-disposizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi fir-rispett ta' kull konfiska u/jew ghoti ta' garanzija u dan dejjem skond dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidrilha opportuni.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikoli 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta’ digriet ta’ assenjazzjoni moghtija mis-S.T.O il-Prim’Imhallef datat 5 ta’ Ottubru 2018;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2018, il-Prosekuzzjoni ezentatha mil-htiega li terga’ tisma’ x-xhieda li diga` xehdu fil-kawza;

Rat illi d-difiza tal-imputat odjern ukoll, waqt is-seduta tal-14 ta’ Marzu 2019, ezentatha mil-htiega li terga’ tisma’ x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-digriet moghti mill-Qorti diversament preseduta fit-13 ta’ Awwissu 2014 li permezz tieghu il-bastiment Maria Lourdes II bin-numru ta’ registrazzjoni MFA7115 gie rilaxxat lis-socjeta` Maria De Lourdes Company Limited taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess digriet, fosthom illi l-istess bastiment ma jigix trasferit lil terzi pendenti l-ezitu tal-proceduri odjerni;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Ottubru 2018 li permezz tieghu ordnat illi l-proceduri fil-konfront tal-imputat odjern ghandhom jibdew jitmexxew separatament mill-proceduri fil-konfront il-ko-imputat *Omissis*, u illi b’hekk jinghata gudizzju separat fil-konfront ta’ kull wiehed miz-zewg imputati;

[1] Fol. 18.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2019 fejn ipprovdiet dwar it-talba li ghamel l-imputat Darren Debono fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2019 sabiex hija tindika l-pozizzjoni li sejra tiehu fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu mil-Pulizija fid-19 ta' Gunju 2014;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 il-Prosekuzzjoni u d-difiza qabli li ma ghandhomx oggezzjoni li l-Qorti kif preseduta tiddeciedi hija stess din il-kawza contra l-imputat u dan minkejja illi kienet hija stess li fit-28 ta' Jannar 2020 ippronunzjat is-sentenza kontra *Omissis* li kien il-ko-akkuzat f'dawn l-istess proceduri qabel giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju permezz tad-digriet tat-18 ta' Ottubru 2018;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghandu jigi rilevat li mad-diversi dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fl-atti ta' din il-kawza, giet ipprezentata wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Darren Debono. Din l-istqarrija giet rilaxxata fid-19 ta' Gunju 2014. Il-Qorti hija tal-fehma li qabel xejn ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar l-

istqarrija rilaxxata mill-imputat odjern, u l-ammissibilita` o meno taghha bhala prova f'dawn il-proceduri.

Huwa immedjatament ovvju li din l-istqarrija giet rilaxxata fi zmien meta l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghand l-imputat minghajr ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ghaliex il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat. F'Gunju tas-sena 2014, meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, u sakemm gie promulgat l-Att LI tal-2016 li gie fis-sehh f'Novembru 2016, id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Il-gurisprudenza recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[2] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[3], kif affermata fil-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** u wkoll fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius**[4], ilkoll moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[5], pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett.

[2] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[3] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[4] 21 ta' Lulju 2020.
[5] Il-Qorti Ewopeja.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"[6]

Fil-kaz odjern, fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, jirrizulta illi s-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Madanakollu, din il-Qorti, anke wara li rat l-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Farrugia v. Malta**, ma taqbilx illi r-rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jkun it-tnehhija ta l-istqarrija mill-atti, **anke ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jnaqqasx mill-ammissibbilita` bhala prova, tal-istess stqarrija u lanqas iwassal awtomatikament ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.** Jinghad illi sabiex jigi ravvizat ksur ta' dan il-jedd, il-proceduri jridu jitqiesu **fit-totalita` taghhom** bil-process kriminali ikun intemm b'dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat[7].

Mizmum ferm dak kollu premess, din il-Qorti filwaqt li terga' taghmel referenza ghad-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2019, taqbel illi ghall-fini tad-determinazzjoni tal-htija o meno ta' reat kriminali, kemm jista' jkun ghandu jigi evitat li jsir uzu minn jew referenza ghal dikjarazzjonijiet inkriminanti

[6] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.
[7] Ara decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Dimech vs. Malta**, App. Nr. 34373/13, deciza 2 ta' April 2015, u **Tyrone Fenech v. Malta**, deciza 5 ta' Jannar 2016.

maghmula mis-suspettat waqt xi interrogazzjoni mill-Pulizija, bhala prova kontrih innifsu fil-proceduri penali, fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu saru minghajr ma kien hemm ragunijiet impellenti sabiex jigi ristrett il-jedd ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u minghajr ma kienu fis-sehh is-salvagwardji kollha kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq. *Multo magis*, fejn ma tezisti l-ebda prova ohra fl-atti li tikkorrobora dik il-prova. Izda dan ma jfissirx illi kull haga ohra li jkun intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni ghandha tigi skartata b'mod assolut fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna, purche` kollox jitqies bi skrutinju strett.

Il-Qorti tqis illi dikjarazzjonijiet inkriminanti li setghu saru minn persuna suspettata minghajr ma kienet assistita legalment, qatt ma ghandhom jifformaw il-bazi ghas-sejbien ta' htija jekk irid jigi assigurat li l-process kollu ma jitqieghedx f'riskju li jithassar minhabba xi possibbilita` ta' lezjoni tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq. Il-Qorti tqis illi huwa doveruz fuqha illi tassigura li l-persuna mixlija quddiemha b'reat kriminali, jinghata smigh xieraq u dan billi, fost ohrajn, ma taghtix piz lil evidenza li t-tehid taghha jista' jippregudika dan id-dritt ghaliex ikollha l-effett li topera ingustament kontra l-imputat jew effett negattiv fuq il-*fairness* tal-proceduri.

Ghaldaqstant, sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jistghu jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita`, **il-Qorti meta tigi biex tqis il-gabra tal-provi akkwiziti f'dawn il-proceduri, sejra tiehu qies tal-istqarrija in kwistjoni biss jekk u safejn id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat waqt l-interrogazzjoni kienu intizi specifikatament ghall-gustifikazzjoni u difiza tal-ghemil tieghu, jekk ikun il-kaz**.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fliet l-atti u x-xhieda.

Dan huwa kaz dwar allegat ksur ta' diversi obbligi dwar sajd naxxenti mill-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, kif ukoll taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08[8] u xi konvenzjonijiet internazzjonali dwar sajd fil-bahar li jinsabu elenkati fl-istess legislazzjoni sussidjarja. Mill-provi jirrizulta illi l-imputat, flimkien ma' *Omissis*, huwa wiehed miz-zewg diretturi u azzjonisti fis-socjeta` Maria de Lourdes Company Limited[9], liema kumpannija hija s-sid licenzjat tal-bastiment tas-sajd Maria De Lourdes MFA7115[10]. Dan il-bastiment kellu permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad[11].

Minn ezami tal-provi li huma relevanti ghall-akkuzi dedotti kontra l-imputat odjern, jirrizulta illi fil-11 ta' Gunju 2014 il-bastiment Maria de Lourdes II dahal fil-Port il-Kbir wara sajda ta' diversi granet. Il-kaptan registrat tal-bastiment li kien fuq il-bastiment waqt din is-sajda, huwa l-ko-imputat *Omissis*. Minn spezzjoni li saret fuq l-istess bastiment mill-ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd wara li dan ormeggja gewwa l-port fis-sit maghrif bhala tas-Siment, instab pixxispad f'kwantitajiet ikbar minn dawk dikjarati fuq il-log book tal-kaptan, liema qabda kienet tinkludi wkoll pixxispad ta' daqs inqas mill-minimu. Fuq il-bastiment instabet ukoll qabda sostanzjali ta' tonn meta l-bastiment ma kienx licenzjat biex jistad ghat-tonn.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li m'hemm l-ebda prova fl-atti li l-imputat Darren Debono kien fuq il-bastiment waqt is-sajda mertu tal-kawza fejn gew riskontrati diversi istanzi ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja tas-sajd tal-istess bastiment. Huwa inkontestat illi l-imputat odjern ma kienx fuq il-bastiment

---

[8] Ordni dwar l-Infurzar ta' Konvenzjonijiet dwar Sajd fuq il-Baħar
[9] Xhieda Dr. Amanda Poole, 22 ta' Ottubru 2014.
[10] Dok. CB1
[11] Fol. 227.

meta dan dahal lura fil-port fil-11 ta' Gunju 2014 jew iktar qabel dakinhar u ma ngiebet l-ebda prova kwalsiasi dwar xi kuntatt li sar bejn iz-zewg imputati fil-granet u x-xhur ta' qabel din id-data.

Kwantu specifiktament ghall-eventi tal-11 ta' Gunju 2014, mill-provi ma jirrizultax li l-imputat Darren Debono kien laqa' l-bastiment Maria De Lourdes II meta dan dahal lura fil-port, jew li huwa kien prezenti meta l-qabda tal-hut beda jinhatt jew beda jipprova jinhatt mill-bastiment. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ghamlu accenn ghall-imputat Darren Debono fit-testimonjanza taghhom, ilkoll xehdu illi huwa ma kien prezenti fl-ebda hin la fuq il-bastiment u lanqas ix-xatt[12]. Kemm hu hekk, minkejja n-numru ta' xiehda li xehdu f'din il-kawza, **l-uniku involviment tal-imputat fil-fatti ta' dan il-kaz oltre ghall-partecipazzjoni tieghu fis-socjeta` li ghandha l-proprjeta` tal-bastiment in kwistjoni, jirrizulta mill-istqarrija tieghu stess[13], u minn dak li stqarr il-kaptan tal-bastiment, ko-imputat, waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija u fit-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti**.

Il-ko-imputat *Omissis* fl-istqarrija tieghu, ribadita fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti[14], iddikjara illi huwa kien cempel lill-imputat meta l-bastiment kien diehel lura lejn il-port u dan tal-ahhar staqsih f'liema port kien behsiebu jidhol. *Omissis* qal li ma kienx cert jekk setax jidhol fil-port ta' Marsaxlokk izda staqsa lill-imputat biex jibghat trakk biex jinhatt il-hut. Qal ukoll li l-imputat kien stasqih x'hut kien qabad u ghalkemm qallu li kien qabad pixxispad u tonn, fil-pront il-linja nqatghet ghaliex it-telefon cellulari tieghu kien spicca bla batterija.

Ikkunsidrat;

---

[12] Ara xhieda ta' Pierre Cachia, Dione Zahra, Jonathan Cassar.

[13] Il-Qorti diga` decidiet li sejra tiskarta dikjarazzjonijiet inkriminanti li saru mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

[14] Xhieda tas-26 ta' Mejju 2016.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-principju fondamentali tal-procedura kriminali illi dak li jghid l-akkuzat fil-konfront ta' ko-akkuzat iehor, ma jistax jitqies bi pregudizzju jew favur il-persuna l-ohra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat. Fi kliem iehor, dak li jghid akkuzat jghodd biss fil-konfront tieghu. Dan il-principju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.

In propositu tax-xhieda ta' persuni li huwa ko-akkuzati, huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor[15]. In tema inghad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[16].

L-applikazzjoni ta' dan il-principju legali ghall-fatti ta' dan il-kaz ifisser li l-Qorti tista' tqis dak li jghid kull wiehed mill-imputati quddiemha, bhala prova fil-konfront tieghu biss mhux fil-konfront tal-imputat l-iehor ukoll. Konformement ma' dan, il-verzjoni ta' *Omissis* fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, galadarba hija l-verzjoni mistqarra mill-ko akkuzat meta hu u l-imputat odjern kienu ghadhom ko-akkuzati quddiem din il-Qorti, ma tghoddx u ma taghmel l-ebda prova fil-konfront tal-imputat odjern u ma tistax tkun ta' pregudizzju ghalih. L-istess japplika ghad-dikjarazzjonijiet li ghamel l-istess

[15] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.
[16] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

*Omissis* fl-istqarrijiet[17] li huwa kien irrilaxxa lill-Pulizija waqt li kien interrogat, *multo magis* ghaliex f'kull kaz, dak li jghodd huwa t-testimonjanza tax-xhud quddiem il-Qorti u l-stqarrijiet maghmulin minn dak l-istess xhud waqt li kien qed jigi interrogat mill-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet dwar ir-reat[18].

Dan stabbilit, il-Qorti tosserva illi l-unika verzjoni li tibqa' fl-atti dwar l-involviment tal-imputat fil-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni, hi dik mistqarra mill-imputat innifsu waqt li kien qed jigi interrogat mill-Pulizija. Il-Qorti diga` decidiet, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza l-iktar recenti tal-Qorti Ewropea, illi wahedha, din l-istqarrija ma tistax tkun l-unika bazi ghas-sejbien ta' htija tal-imputat. Konsegwentement, m'hijiex sejra tistrieh fuq l-verzjoni li ta l-imputat lill-Pulizija dwar l-involviment tieghu fil-kaz, meta kien arrestat u jigi interrogat minghajr ma kellu, dak iz-zmien, il-jedd li jkun assisit mill-avukati tieghu waqt l-interrogazzjoni fejn seta' ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti jew dikjarazzjonijiet li jimpingu sostanzjalment fuq il-pozizzjoni tal-istess imputat[19]. *Multo magis* meta dawn id-dikjarazzjonijiet jikkostitwixxu l-unika prova fl-atti processwali dwar l-involviment tal-imputat fil-fatti li taw lok ghall-akkuzi dedotti kontrih, minghajr dawn id-dikjarazzjonijiet jinsabu korroborati minn provi ammissibbli ohrajn prodotti mill-Prosekuzzjoni li jwasslu b'mod awtonomu ghal xi konkluzjoni dwar il-htija tal-istess imputat[20].

Ikkunsidrat;

Illi primarjament l-imputat jinsab mixli bir-reat ta' assocjazzjoni taht l-Artikolu 48A tal-Kap. 9.

---

[17] Fis-17 ta' Gunju 2014 u fit-18 ta' Gunju 2014.
[18] Hlief ghall-fini ta' determinazzjoni dwar kredibbilita` tax-xhud.
[19] Ara *Schmid-Laffer v. Switzerland*, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015
[20] Ara Farrugia v. Malta.

*(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

*(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

Fl-ordinament guridiku taghna, ir-reat ta' assocjazzjoni huwa reat fih innifsu li huwa msawwar minn tliet elementi kostituttivi li jehtieg li jigu ppruvati kumulattivament: a) ftehim bejn tnejn jew aktar min nies; b) l-intenzjoni li jsir ir-reat; c) u pjan ta' azzjoni miftiehem. Skont gurisprudenza pacifika, biex dan ir-reat jitwettaq irid jintwera li l-assocjazzjoni tkun saret bil-ghan li jitwettaq delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Zulian**, moghtija fit-12 ta' Mejju 2015, intqal hekk fir-rigward:-

"*11. Jiġi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi determinat liem'hu r-reat li tiegħu l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat.*"

Fil-kaz in dizamina, l-ghan tal-assocjazzjoni li gie akkuzat bih l-imputat flimkien ma' *Omissis* huwa dak sabiex jitwettaq delitt f'Malta jew barra minn Malta jew fl-ibhra tas-sajd jew ibhra ohra konsistenti f'imgieba illegali kommess fil-11 ta' Gunju 2014 dwar il-bastiment Marie De Lourdes II bin-numru tal-licenzja MFA7115, u obbligi relatati mieghu jew sajdiet tieghu. Dawn id-delitti mbaghad gew imfissra ulterjorment fl-akkuzi sussegwenti dedotti kontra l-istess imputat, cioe` (i) komplicita` fil-ksur tal-obbligu li s-sajjied ghandu jinforma lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li diehel lura, erba' sighat qabel ma jidhol fil-port, (ii) komplicita` fil-qabda, zamma abbord u hatt fuq l-art, ta' tonn minghajr awtorizzazzjoni valida u f'ammonti li jeccedu l-massimu konsentit ghal qabdiet incidentali, kif ukoll (iii) komplicita` fil-qabda, zamma abbord, hatt fuq l-art, garr jew hazna ta' pixxispad taht id-daqs minimu.

Huwa pacifiku fl-insenjament gurisprudenzjali dwar dan ir-reat illi mhux relevanti jekk dak il-ftehim tpoggiex fil-prattika u filwaqt illi l-intenzjoni wahedha mhijiex bizzejjed, jenhtieg li l-persuni li ser jiehdu parti fl-assocjazzjoni jkunu **ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu, biex jagixxu**, u m'hemmx bzonn li huma jew xi persuna ohra ghamlu xi atti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs *Omissis*, Kyle Cesare et**, intqal ukoll:-

"*Ir-reat ravvizat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, dak tal-assocjazzjoni bl-ghan ta' kommissjoni ta' delitt, huwa differenti minn dak tal-attentant ta' reat ex artikolu 41 u tal-organizazzjoni kriminuza ex artikolu 83A tal-Kodici Kriminali u l-elementi li jikkostitwuhom. Ir-reat in dizamina, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew l-attentat tieghu u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mir-reat jew l-attentat, jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn min nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija); u pjan ta' azzjoni miftiehem. Is-sejbien ta' htija o meno jirraviza ezercizzju xejn facli li, in mankanza ta' xi forma diretta tal-ezistenza ta' ftehim, jirrikjedi interpretazzjoni ta' kull cirkostanza u partikolarita' li tista' twassal ghall-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari ghaliex ma hemmx dik il-presunzjoni feroci ghall-ezistenza tieghu bhala per ezempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9, dak tal-pussess mhux gustifikat ta' flus jew oggetti ohra minn persuna kkundannata ghal serq jew ricettazzjoni.*"

Illi applikati l-konsiderazzjonijiet diga` maghmulin fir-rigward tal-evidenza migjuba f'din il-kawza fil-konfront tal-imputat, ghall-prova dwar ir-reat ta' assocjazzjoni, il-Qorti hija sodisfatta li ma hemm ebda prova fl-atti li tista' twassal ghal sejbien ta' htija fil-konfront tieghu ghar-reat ta' assocjazzjoni.

Anke kieku ghal mument ix-xhieda tal-ko-imputat *Omissis* setghet tittiehed bhala prova kontra l-imputat odjern, il-Qorti xorta wahda ma tistax tirravviza xi wiehed mill-elementi essenzjali ghar-reat ta' assocjazzjoni, wisq anqas il-konkorrenza ta' dawn l-elementi. Kemm hu hekk, fl-aghar xenarju ghall-

imputat kieku x-xhieda tal-ko-akkuzat *Omissis* setghet titqies bhala prova kontrih, it-telefonata li huwa rcieva minghand l-istess *Omissis* ma tista' twassal ghal ebda partecipazzjoni kwalsiasi fir-reati li jinsab mixli bihom fil-kaz in dizamina. Kif gia` nghad, kull ma jirrizulta mill-provi hu li l-imputat ircieva telefonata minghand il-kaptan qabel il-bastiment dahal fil-port. Dan ifisser, necessarjament illi l-unika prova li tezisti dwar xi ftehim li ntlahaq bejn l-imputat u l-kaptan rigward il-qabdiet illegali tat-tonn u pixxispad, tikkonsisti f'telefonata li saret **wara** li kienu diga` saru l-qabdiet illegali.

F'kull kaz, f'din it-telefonata l-imputat staqsa x'hut kien inqabad u l-kaptan wiegbu li nqabad pixxispad u tonn: ma sar ebda diskors dwar in-notifika li kellha ssir lill-awtoritajiet tal-port dwar id-dhul tal-basitment fil-port u lanqas dwar il-hatt ta' hut li nqabad illegalment. Ma jirrizultax lanqas, minn din ix-xhieda, li l-imputat odjern ta xi ordni lill-ko imputat, ossia l-kaptan tal-bastiment, dwar dak li kellu jsir mill-qabda tal-hut fuq il-bastiment u ma jirrizultax lanqas li l-imputat odjern kien infurmat specifikatament dwar il-kwantitajiet ta' pixxispad li nqabad u li kien ser jigi dikjarat, jew dwar il-kwantita` ta' tonn li nqabad.

Jirrizulta biss illi l-imputat kellu jibghat trakk biex jiltaqa' mal-bastiment. Dan il-fatt fih innifsu m'huwiex illegali, galadarba ma saritx il-prova li l-imputat kien infurmat li nqabad pixxispad taht id-daqs minimu jew illi l-qabda tat-tonn kienet teccedi dak li skont il-ligi setghet titqies bhala qabda incidentali. Ghaldaqstant, dawn il-fatti ma jikkostitwixxux prova tal-intenzjoni li jitwettaq delitt jew bhala pjan ta' azzjoni.

Konsegwentement, billi hija mankanti l-prova dwar il-konkorrenza tal-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni, ma tistax tinstab htija fl-imputat.

Ikkunsidrat;

Imbaghad, **fl-ewwel akkuza** dedotta fic-citazzjoni kontra l-imputat Darren Debono wahdu, l-imputat jinsab akkuzat b'komplicita` fil-kommissjoni tar-reati taht l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta[21], kif ukoll taht ir-regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08, cioe` l-Ordni dwar l-Infurzar ta' Konvenzjonijiet dwar Sajd fuq il-Baħar. Il-ksur addebitat lill-imputat f'dan il-kaz hu li huwa ghen jew assista lil *Omissis* fil-ksur tal-kundizzjoni bin-numru 6 tal-Permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad tas-sena 2014[22], li jistipola illi s-sajjied ghandu jinforma lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li diehel lura, erba' sighat qabel ma jidhol fil-port[23].

Imbaghad, permezz tat-**tieni imputazzjoni** migjuba kontra l-imputat odjern wahdu, huwa jinsab mixli b'komplicita` fil-kommissjoni tar-reat konsistenti fil-ksur ta' xi restrizzjoni jew obbligu dwar is-sajd fil-baħar f'xi waħda mill-konvenzjonijiet li għaliha japplika l-Ordni, f'dan il-kaz il-ksur tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 302/2009 tas-6 ta' April 2009[24], u cioe` li ghen jew assista lil *Omissis* sabiex qabad, zamm abbord u beda jipprova jhott l-art tonn minghajr awtorizzazzjoni valida u dan f'ammonti li jeccedu l-massimu konsentit ghal qabdiet incidentali.

**It-tielet imputazzjoni** dedotta kontra l-imputat wahdu, hija l-ksur tal-obbligu jew restrizzjoni taht paragrafu 8 tar-*Recommendation for Management Measures for Mediterranean Swordfish in the Framework of ICAAT*[25],

[21] Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd

[22] Esebit in atti a fol. 227. Dan il-permess specjali

[23] Dan il-ksur, jekk ippruvat, jikkostitwixxi ir-reat ravvizat fl-imsemmi Artikolu 12(3) tal-Ligi principali kif ukoll ir-reat ravvizat fir-regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 li entrambi jipprospettaw bhala reat il-ksur ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet preskritti fil-licenzja ossia permess tas-sajd. Effettivament, jirrizulta illi r-Regolament imsejjah *"Commission Implementing Regulation (EU) No 404/2011 of 8 April 2011 laying down detailed rules for the implementation of Council Regulation (EC) No 1224/2009 establishing a Community control system for ensuring compliance with the rules of the Common Fisheries Policy"*, huwa wiehed mill-konvenzjonijiet dwar is-sajd fil-baħar elenkati fl-Iskeda tar-Regolamenti 425.08. Dan ifisser illi kull ksur iwassal ukoll ghal ksur tar-regolament 3 tal-L.S. 425.08.

[24] Ara Skeda S.L. 425.08: *"Council Regulation (EC) No 302/2009 of 6 April 2009 Concerning a Multiannual Recovery Plan for Bluefin Tuna in the Eastern Atlantic and Mediterranean, amending Regulation (EC) No 43/2009 and repealing Regulation (EC) NO 1559/2007".*

[25] 2011-03 - ara Skeda tal-L.S. 425.08.

konsistenti fil-fatt illi l-imputat ghen lil *Omissis* sabiex qabad, zamm abbord, ipprova jhott l-art u jgorr u jahzen pixxispad taht id-daqs minimu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma li f'dan il-kaz, *Omissis* il-kaptan registrat tal-bastiment Maria Lourdes II, naqas milli jgharraf lill-awtoritajiet tal-port erba' sighat qabel id-dhul tal-bastiment fil-port u naqas ukoll milli jaghmel id-dikjarazzjoni mehtiega mil-ligi dwar qabda ta' *blue fin tuna* li saret mill-istess bastiment. Hija konvinta wkoll illi kwantu ghall-qabda ta' pixxispad, id-dikjarazzjoni li saret mill-istess kaptan fil-gurnal originali li nstab fuq il-bastiment, kienet ta' qabda f'ammont inqas minn dak li effettivament gie kostatat mill-ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd waqt spezzjoni li saret fuq l-istess bastiment fil-11 ta' Gunju 2014.

Effettivament, mill-ispezzjoni li saret fil-bastiment minn ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd fil-11 ta' Gunju 2014 (Dok. RC1), jirrizulta illi l-qabda ta' *blue fin tuna* li nstabet fuq il-bastiment kienet tikkonsisti f'24 huta ta' piz komplessiv ta' 2,205 kilogramm, filwaqt illi kif inghad, jirrizulta illi l-kaptan ma ddikjara ebda qabda kwalsiasi ta' tonn. Jirrizulta wkoll illi li l-bastiment in kwistjoni lanqas kien licenzjat biex jistad ghat-tonn[26] u minhabba l-kwantita` tal-qabda, huwa eskluz illi din setghet kienet xi qabda incidentali.

Ir-rizultanzi tal-istess spezzjoni juru wkoll illi l-qabda ta' pixxispad kienet tikkonsisti f'45 huta ta' piz komplessiv ta' 631 kilogramm[27]; madanakollu, il-qabda li giet dikjarata mill-imputat kif jirrizulta mil-logbook esebit a fol. 49, kienet ta' 30 pixxispad ta' piz totali ta' 466 kilogramm.

[26] Ara fol. 58; xhieda ta' Clayton Buttigieg (23 ta' Ottubru 2014) u Dok. CB2 a fol. 228.
[27] Ara wkoll Dok. RC5, fol. 57.

Mill-provi jirrizulta wkoll[28] illi l-hut kollu, pixxispad u tonn li nstab fuq il-bastiment waqt l-ispezzjoni li saret fil-11 ta' Gunju 2014, gie konfiskat mid-Direttur tas-Sajd u sussegwentement mibjugh bl-irkant tramite l-irkantatur Ernest Galea fil-Pixkerija ta' Malta bejn it-12 ta' Gunju 2014 u t-13 ta' Gunju 2014 ghall-prezz totali ta' €13,215.23[29].

Ikkunsidrat;

Kif inghad, l-imputat qed jigi akkuzat li xjentement ghen jew assista lil *Omissis*, il-kaptan tal-bastiment, fil-kommissjoni tar-reati dedotti fit-tliet imputazzjonijiet fuq imsemmija. Dan ifisser li qed jigi mixli b'komplicita` a tenur tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Dan jistipola li persuna titqies bhala komplici f'delitt jekk hija:-

*(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat.*

Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis*, Jason Galea**[30]:-

"Issa l-figura tal-komplici hija ta "*dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa ... jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm* ***il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa****, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. .... Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel. ... Ma hux necessarju illi l-*

[28] Vide ricevuti tal-bejgh esebiti komplessivament bhala Dok. RC1 u Dok. EG1 a fol 234 *et seq*.
[29] Minn dan il-prezz gie mnaqqas l-ammont ta' €832.56 rapprezentanti dritt tal-irkantatur: bilanc ta' €12,382.67.
[30] 31 ta' Mejju 2017.

*komplici jkun prezenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-ghajnuna bi ftehim minn qabel."*

Dan kollu jfisser illi, ghad li fl-atti hemm bizzejjed provi li gew kommessi d-delitti li jissemmew fit-tliet akkuzi dedotti kontra l-imputat wahdu, sabiex l-imputat innifsu jinsab hati taghhom bhala komplici, jehtieg li jigi ppruvat li huwa **ftiehem minn qabel u xjentement, li jassisti jew jghin lill-awtur fl-atti li bihom gie preparat jew konsmat l-istess delitti**.

Izda gia` gie stabbilit li l-provi fl-atti kontra l-imputat jikkonsistu biss fl-istqarrija tieghu li qed tigi skartata ghar-ragunijiet gia` mfissra iktar qabel, u fix-xhieda u dikjarazzjonijiet mistqarra mill-kaptan tal-bastiment, *Omissis*, il-ko-akkuzat tal-imputat odjern. Kif rajna, meta *Omissis* xehed dwar l-involviment tal-imputat fil-fatti li taw lok ghall-akkuzi kontrih, huwa xehed bhala ko-akkuzat. Ghalhekk, *Omissis* ma kienx xhud kompetenti favur jew kontra l-imputat ghaliex dak iz-zmien meta xehed fil-kawza, il-kaz fil-konfront tieghu ma giex deciz definittivament. **Stabbilit dan, il-Qorti hija tal-fehma illi x-xhieda ta' *Omissis*, galadarba nghatat f'waqt meta hu u l-imputat odjern kienu ghadhom ko-akkuzati quddiem din il-Qorti u *Omissis* ma regax xehed fil-kawza kontra l-imputat odjern wara li s-sentenza fil-konfront tieghu nghatat fit-28 ta' Frar 2020, ma tistax titqies bhala x-xhieda ta' komplici u tittiehed bi prova kontra l-imputat.**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha opportunita` tfisser id-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' ko-akkuzat anke b'referenza ghal diversi sentenzi ohra moghtija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk dwar dawn iz-zewg regoli, cioe`:-

*"...: ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) li tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, u r-regola l-ohra li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet*

*kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.*[31]

F'kull kaz izda, fl-assenza totali ta' provi jew xhieda ohra indipendenti mressqin mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuza li l-imputat xjentement ghen jew assista lil *Omissis* fir-reati kommessi minnu li jinsab mixli bihom, ir-rizultanzi mix-xhieda ta' *Omissis* – anke kieku kienet xhieda ammissibbli u b'valur probatorju kontra l-imputat - ma jistghu qatt iwasslu ghal sejbien ta' htija ta' komplicita` fir-reati taht l-ewwel tliet akkuzi dedotti kontra l-imputat wahdu.

Hu minnu li l-prezenza tal-imputat fuq ix-xena tad-delitt m'hijiex mehtiega biex tigi ravvizata fih l-istatus ta' komplici skont il-ligi, izda lanqas jista' l-fatt li huwa ppruvat li l-imputat huwa azzjonist u direttur flimkien mal-awtur fis-socjeta` li ghandha l-proprjeta` tal-bastiment li ntuza ghat-twettiq tal-illegalitajiet addebitati lill-imputat, ifisser li kien hemm ftehim minn qabel bejnu u bejn l-awtur.

Inoltre, ghall-istess ragunijiet li din il-Qorti diga` fissret iktar kmieni b'rabta mar-reat ta' assocjazzjoni, it-telefonata msemmija minn *Omissis* u l-kontenut taghha, kif ukoll il-fatt li l-imputat seta' baghat trakk sabiex jilqa' l-bastiment u l-qabda ta' hut li nstab fuqu, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jistghu jservu separatament jew flimkien, bhala prova li l-imputat ghen jew assista b'mod materjali ghall-preparazzjoni jew twettiq tad-delitti, meta ma hemm ebda prova kwalsiasi, wisq inqas prova fil-grad li tehtieg il-ligi fil-kamp kriminali, li huwa kien jaf minn qabel li l-qabda ta' hut kien fiha xi illegalitajiet jew illi l-kaptan, bhala l-awtur tar-reati, ma kienx ottempera jew ma kienx sejjer jottempera ruhu mal-obbligi tieghu skont il-ligijiet tas-sajd.

[31] **Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia et**, deciza 23 ta' Mejju 2001.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas assolut ta' provi li huma ammissibbli u sufficjenti, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' komplicita` kif addebitat lilu fl-imputazzjonijiet l-ohrajn migjuba kontrih wahdu.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lil DARREN DEBONO hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tilliberah minn kull htija u piena.**

**Tichad ukoll it-talbiet l-ohra kollha maghmula mill-Prosekuzzjoni fic-Citazzjoni fil-konfront ta' DARREN DEBONO.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**